Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 45**

**Data:** L-Erbgħa, 21 t' April 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Online, Microsoft TEAMS

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Skużat:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**45.1 Ittri ta' Apoloġija**

45.1.1 Is-Segretarja nfurmat lill-Eżekuttiv li Dr. Azzopardi kien għadu kif informa lill-AKL li ma setax jattendi minħabba urġenzi li inqalgħu fl-aħħar ħin qabel il-laqgħa.

45.1.2 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġija ta' Dr. Azzopardi.

**45.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.44**

45.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.44.

45.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Anthony Mifusd, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**45.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 44**

| | |
|---|---|
| **45.3.1 Green Walll, Green Roof u Sistema ta' Irrigazzjoni** | Il-President semma li hekk kif kien ġie diskuss fil-Laqgħa preċedenti, l-AKL kienet mistennija li toħroġ sejħa pubblika sa l-aħħar t' April. |
| **45.3.2 Group Life Policy** | Il-President semma li l-offerta għalqet illum u jidher li daħlu erba' offerti. L-AKL ser tkun qed tara l-offerti sottomessi u ser ikun qed jiltaqgħa l-Board tal-Evalwazzjoni sabiex jibda l-proċess ta' evalwazzjoni. |
| **45.3.3 Fondi LESA** | Il-President semma li għadd hemm madwar 41 rapport pendenti ta' proġetti li għadhom mhumiex kompluti. Dawn jammontaw għal madwar nofs miljun. Il-President semma li kif jagħlaq Mejju 2021 jerġa' jgħati rendikont ta' fondi pendenti li jkunu għadhom ma ġewx utilzzati mill-Kunsilli Reġjonali / Kunsilli Lokali. |
| **45.3.4 Kontroll tal-Ħamiem** | Il-President semma li s-sejħa kienet għalqet u li kienet sottomessa offerta waħda biss. Semma li għaddej il-proċess ta' evalwazzjoni mill-Board. |
| **45.3.5 Diskrepanza fi ħlas ta' bolla fuq il-PE number tal-AKL** | Il-President fakkar li hekk kif kien diskuss waqt il-Laqgħa preċedenti, waqt li l-AKL kienet qed titlob dokumenti sabiex tkun eliġibbli li tibbenifika minn fondi Ewropej, inġib għall-attenzjoni tagħha li hemm bilanċ dovut lill-Kummissarju ta' |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Taxxi Interna. Il-President spjega li matul dawn l-aħħar ġimgħat, is-Segretarja flimkien mal-Accountant tal-AKL bdew jaħdmu fuq rapporti li intbgħatu mill-Uffiċju ta' Taxxi Interni kif ukoll minn dokumenti li kellha l-AKL sabiex jintraċċaw dawn id-diskrepanzi. Il-President semma li dawn jidher li jmorru lura għas-sena 2011 u 2012 fejn l-AKL kellha tliet impjegati fuq kuntratt definit ta' ftit xhur li kienu qed jaħdmu fuq il-proġett Egov4EU. Jidher li dawn id-diskrepanzi ġejjin mill-bollol imħalsa ta' dawn il-ħaddiema.

Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Joe Cordina u s-Sur Mark Grech, l-AKL kienet ser tkompli il-komunikazzjoni mal-Kummissarju ta' Taxxi Interni sabiex jintlaħaq ftehim sabiex ikun hemm tnaqqis fil-multi u l-AKL tkun tista' tħallas l-ammont dovut f' pagament wieħed.

**45.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 44**

45.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Marzu 2021 u 21 t' April 2021 li kienet tammonta għall-€97,499.84.

**45.5 Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2021**

45.5.1 Il-President preżenta r-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2021. Il-President spjega kif l-Ewwel Kwart tas-sena kien magħluq b' surplus aktar għoli milli dak previst peress li ħafna mix-xogħlijiet li inbdew speċjalment dawk relatatii mal-Binja tal-Gvern Lokali għadhom mhumiex konklużi u għaldaqstant dawn l-ispejjeż ser ikunu qed jiddaħħlu fit-Tieni Kwart tas-Sena finanzjarja.

45.5.2 Fuq proposta tal-Presidenti, issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva ir-rapport hekk kif ippreżentat.

**45.6 Business Plan 2021 – 2025**

45.6.1 Il-President preżenta l-Business Plan għall-perjodu 2021 – 2025. Il-President spjega li f' dan ir-rapport l-AKL assumiet li d-dħul u l-infieq ser jibqa' wieħed kostanti għaldaqstant kien hemm biss żieda perċentwali sabiex tirrifletti l-għoli tal-ħajja matul is-snin.

45.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2021 – 2025 hekk kif kien preżentat.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**45.7 Komunikazzjoni mill-President**

**45.7.1 Rinovar tal-Binja Gvern Lokali**

Il-President semma semma li matul l-aħħar ġimgħat reġa' beda x-xogħol fuq il-Binja tal-AKL. Qed isir xogħol fuq in-naħa tal-parkeġġ kif ukoll fuq il-Bejt tal-Binja. Semma wkoll li kien qed jitkompla x-xogħol fuq l-aħħar żewġ uffiċini. Semma wkoll li kien ser jikkomunika mal-kumpanija li jokkupaw il-binja biswiet il-Binja Gvern Lokali minħabba sistema ta' drenaġġ li għaddejja mill-parkeġġ tal-Assoċjazzjoni u li minħabba din l-istruttura qed jintilfu xi parkeġġi.

**45.7.2 YouSafe – Arkivji Nazzjonali**

Il-President semma li l-AKL għaddiet il-materjal u links tal-proġett YouSafe lill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta wara li dawn kienu qe djagħmlu talab għall-proġetti li kienu għaddejjin f' Malta fi żmien il-pandemija tal-COVID-19.

**45.7.3 Fondi LESA 2021**

Il- President semma l-AKL kienet isottomettiet l-applikazzjoni għall-proġett li ser tkun qed tagħmel rigward set ta' linji gwida għall-użu tal-Kunsilli Lokali. Liema gwida ser ikunu imfassla fuq il-pillastri li fuqhom inbniet l-Viżjoni tal-AKL.

Is-Sur Fava semma wkoll li fid-dawl tal-Azzjonijiet Industrijali li għaddejjin bihom is-Segretarji Eżekuttivi, huwa ser ikun qed jitlob lil LESA sabiex tingħata estenzjoni fuq id-data tal-għeluq ta' din l-iskema, peress li din kienet ser tgħalaq fl-aħħar t' April 2021.

Chev Paul Farrugia semma wkoll li huwa bgħat komunikatt lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jingħata estenzjoni fuq skemi li hemm li ser jagħlqu dalwaqt.

Kemm il-President kif ukoll Chev. Paul Farrugia semmew li qed ikun hemm dewmien fuq l-evalwazzjoni ta' proposti sottomessi mill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali għall-skemi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Semmew kif dawn qed jimpattaw ħażin fuq il-Kunsilli Lokali li ma jkunux jafu xi proġetti ser jibbenefikaw għalihom u jintilfu opportunitajiet li dawn japplikaw għall-istess proġett fuq skemi differenti.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**45.7.4 Website AKL**

Il-President semma li fl-aħħar tliet xhur sar ħafna xogħol fuq il-Webiste l-ġdida tal-AKL. Semma li issa kważi hija kompluta u li qed issir l-aħħar ftit xogħol fuq ritratti li ser jintużaw u ser titela' live sa tmiem l-aħħar tax-xhar.

**45.7.5 Intranet - SharePoint**

Il-President semma li s-sena l-oħra l-AKL għamlet investiment sabiex tixtri software ta' SharePoint li jkun jista' jintuża sabiex tiġi faċilitata l-komunikazzjoni interna bejn l-AKL, il-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-President spjega li din ser tnaqqas ukoll l-ammont ta' emails li jintbgħatu peress li kollox ikun iċċentralizzat fiha. Il-President propona li l-AKL għandha toħroġ RfQ għall-taħriġ għall-impjegati tal-AKL sabiex ikunu jistgħu jaħdmu fuqha u anki jassistu users oħra f' każ li jkollhom bżonn. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva li tinħareġ RfQ għal dan it-taħriġ.

**45.7.6 Induction Program għall-Membri Eletti – Kunsilli Lokali**

Il-President propona li l-AKL għandha tibda taħdem sabiex tfassal programm akreditat ta' induction li bi ftehim mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dan it-taħriġ ikun wieħed mandatorju għall-Kunsilliera. Il-President semma li minkejja l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali fadlila sa sena 2024, huwa importanti li dan il-proċess jibda ħalli jkun jkun konkluż u akkreditat sa qabel l-Elezzjonijiet ta' 2024.

**45.7.7 MoU - ĠEMMA**

Il-President semma fil-jiem li għaddew kien hemm laqgħa ma' rappreżentanti tal-inizjattiva ĠEMMA fejn dawn qed jaħdmu sabiex jagħmlu għarfien speċjalment fost persuni vulnerabbli u b' mard b' mentali sabiex ikunu kapaċi jimmaniġjaw il-finanzi personali tagħhom. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandu jiġi ffirmat l-MoU hekk kif kien propost.

**45.7.8 Komunikat dwar tibdil fil-leġislazzjoni 65.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru**

Il-President semma li ftit ta' siegħat qabel il-Laqgħa kienet waslet komunikazzjoni minn Transport Malta li din għaddiet immedjatament għall-attenzjoni tal-Eżekuttiv, fejn wara diversi ilmenti li l-AKL kienet qed tirċievi mingħand is-Sindki u l-Kunsilliera minħabba ingombru ta' vetturi abbandunati f' postijiet pubbliki, l-AKL bdiet diskussjonijiet ma' TM fejn intleħaq ftehim sabiex TM tassisti lill-Kunsilli Lokali sabiex issir ikklampjar ta' vetturi abbandunati.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**45.7.9 Proġett MOST**

Il-President semma li l-AKL ġiet avviċinata mill-Fakulta tal-Edukazzjoni ġewwa l-Universita' ta' Malta sabiex tipparteċipa fil-proġett MOST. L-iskop ta' dan il-proġettt huwa li f' ħidma mal-iskejjel u mal-komunita' isiru proġetti fuq immaniġjar tal-iskart kif ukoll għarfien ta' naqqis ta' kunsum tal-enerġija. Semma li l-AKL qiegħda tikkontribbwixxi billi tkun parti mir-Regional Support Team. Il-President semma li kif ikun hemm il-lista ta' l-iskejjel li ser jieħdu sehem, din tgħaddi għall-attenzzjoni tar-Reġjuni sabiex jikkordinaw.

**45.7.10 FAR**

Il-President propona li jitneħħew mill-FAR lamination machine peress li ma baqgħetx tiffunzjona u coat hanger li kellha partijiet imkisrin. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li dawn għandhom jitneħħew.

**45.7.11 Proposti LESA**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni tleit propost li ġew emendati mill-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex, San Ġwann kif ukoll Gudja sabiex jibbenifikaw mill-fondi tal-LESA tas-sena 2019. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-proposti li ġew sottomessi.

**4.7.12 Kwotazzjonijiet tal-Bibien tas-Sala tal-AKL**

Il-President semma li ġew miġbura il-kwotazzjonijet għall-żewġ bibien tal-injam għall-entratura tas-sala kif ukoll bieb tal-ħġieġ sabiex is-sala tkun tista; tingħalaq waqt li tkun għaddejja xi attivita'.

**45.8 Azzjonijiet Industrijali – Segretarji Eżekuttivi**

**45.8.1** Il-President semma li ma qabel xejn li UĦM għażlet li tmur fil-publliku għaliex issa l-managemnet ser ikollu jirrispondi u jagħti l-veduti tiegħu fil-pubbliku wkoll. Il-President fakkar li:

- Is-Segretarji Eżekuttivi qed jitolbu li jitilgħu għal Skala 4
- Semma li s-Segretarji Eżekuttivi qed jitolbu żieda li tammonta għal aktar milli qed joffri l-management. Il-President semma li counter proposal li saret min-naħa tal-management kienet tammonta għal madwar €4,900 filwaqt li din iż-żieda hija waħda retroattiva u li tmur lura għal Jannar 2020. (Dwar dan qed nistennew l-approvazzjoni tal-finanzi). Il-persentaġġ ta' żieda tal-management hija 13.5% / 13.8%. Semma li l-performance bonus ser ikun ta' massimu ta' 15% minflok 10%, ser jingħataw ammonti ta' disturbance allwance, ta' mobile allowance kif ukoll għall-użu tal-karozza personali

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għal qadi ta' dmirijiet relatati mal-Kunsill jew Reġjun. Dan kollu jammonta ghal 4,300 – 4,500 u 4,900 skont l-iskala.

Semma li qed jitolbu wkoll li jkun hemm progression awtomatika minn skala 7 għal 6 u skala 5.

Semma kif madwar erbgħin Segretarju Eżekuttiv li daħlu b' kuntratt ta' position of trust jiġu tal-post.

Semma li l-management propona pakkett finanzjarju li huwa lil hinn minn raġonevoli anki meta wieħed jara mill-liema żmien għaddejjin minħabba l-pandemija COVID-19.

Semma li l-Assocjazzjoni m'għandha l-ebda problema li minn position of trust jiġu bħala parti miċ-ċivil, b' kundizzjonijiet

- Semma li minkejja l-Assocjazzjoni taqbel mal-punt tal-progression, irrid jiġi stabbilit qafas ta' taħriġ u kif jitkejjel dan il-progress u jkun hemm accettazzjoni mill-management.
- Semma li l-management ser tkun qed jitlob li jiġu irtitrati l-azzjonijiet industrijali sabiex jissoktaw il-laqgħat u jerġgħu jibdew id-diskussjonijiet. Semma li anki sa qabel bdew l-azzjonijiet industrijali l-management flimkien ma' DIER talbu għal-laqgħa rikonċiljatorja li din baqgħet ma saritx peress li l-UHM m' attendewx.
- Rigward skala 4, il-management żgur li mhux ser jilqa' din it-talba.

**45.8.2** Chev. Farrugia staqsa jekk id-Direttivi humiex joħorġu mill-UĦM jew mill-ANSEK. Is-Sur Fava semma li d-Direttivi qed joħorġu mill-UĦM imma qed ikun hemm każi ta' Segretarji Eżekuttivi li jinstigaw li dawn id-Direttivi jeskalaw u saħansitra hemm oħrajn li qed imorru lil hinn minn dawn id-Direttivi u jagħmlu dak li jaqbel lilhom f' dan l-istadju. Chev Farrugia semma wkoll li għandu jinstab mekkaniżmu kif impjegati fi skala 16 ikollhom progression wara li dawn ikunu għamlu numru tas-snin fis-servizz u jkunu baqgħu fl-istess skala. Is-Sur Fava semma li żgur li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali mhux ser tkun kontra l-ebda direttiva jew negozjar biex dawn il-ħaddiema jipprogressaw ukoll minn skala għall-oħra.

**45.8.3** Is-Sur Joe Cordina semma li xtaq jagħmel xi osservazzjonijiet:

- Il-UĦM huwa fl-interess tagħha li ġġib l-akbar ammont ta' żieda finanzjarja sabiex tkun tist' tużaha f' negozjati ma' entitajiet oħrajn. Semma li dan huwa mezz biex jiġu instigati aktar propblemi f' diversi entitajiet.
- Propblema akbar hija li wara tkun għaddiet il-kwistjoni tas-Segretarji Eżekuttivi, il-ħaddiema klerikali li hemm fil-kunsilli ser ikun qed jitolbu din iz-zieda u jibdew azzjonijiet industriajli anki mill-klerikali

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

- Semma li huwa jaqbel mal-proposta tal-position of trust li għandha titranġa imma senna kif huwa qed jara li t-talbiet min-naħa tas-Segretarji Eżekuttivi huma wisq essaġġerati meta wieħed jara l-livell ta' responsabbilita' f' Kunsilli pjuttost żgħar.

**45.8.4** Is-Sur Anthony Mifsud semma li jrid jinstab mekkaniżmu ta' kif Segretarji Eżekuttivi f' Kunsilli żgħar dejjem qed iffittxu li japplikaw f' Kunsilli akbar sabiex jipproggressaw. Semma li dan qed iwassal biex Kunsilli żgħar jispiċċaw dejjem ibidlu s-Segretarju. Is-Sur Mifsud semma li hemm ukoll problema biex id-Deputat Segretarju Eżekuttiv jibda jaġixxi f' każ li s-Segretarju Eżekuttiv qiegħed isegwi azzjonijiet industrijali. Is-Sur Fava semma li Artiklu 50 tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali juri biċ-ċar li Deputat Segretarju Eżekuttiv jista' jaġixxi meta jkun hemm kariga vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv jew meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista' jaġixxi u dan jiddikjarah bil-miktub. Semma li f' dan il-każ s-Segretarji Eżekuttivi ddikjaraw li qed isegwu azzjonijiet industrijali u li ma jistgħux jaġixxu għaldaqstant, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv jista' jaġixxi. Is-Sur Fava semma li huwa konxju li hemm diversi Kunsilli Reġjoanli u Kunsilli Lokali li għandhom problema għax jew ħatru Deputat Segretarju Eżekuttiv li huwa Segretarju Eżekuttiv f' Kunsill Lokali ieħor jew inkella għadhom ma ħatrux Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Aquilina u s-Sur Mifsud semmew li hemm Deputati li qed iħossuhom skomdi li jaġixxu peress li dawn jaħdmu fl-istess uffiċju mas-Segretarji li bħal issa qed isegwi azzjonijiet industrijali.

**45.8.5** Is-Sur Michael Fenech Adami rrimarka li dawn l-azzjonijiet industrijali qed ikissru l-armonija li kien hemm bejn is-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi filwaqt li qed joħolqu wkoll apatija fil-ħidma tal-Kunsill Lokali. Semma li fil-każ tal-Kunsilli li jappartjenu r-Reġjun Ċentru qed jara li qed ikun hemm nuqqas ta' interess fuq inizjattivi u ħidma tal-Kunsill u anki fuq bażi Reġjonali. Semma li sfortunatament f' din il-kwistjoni qed tidħol il-politika partiġjana.

**45.8.6** Is-Sur Jesmond Aquilina rrimarka li fuq l-istess argument tas-Sur Mifsud, qal li jekk is-segretarji se jkunu eventwalment fl-istess skala, is-indki f' Kunsilli żgħar għandhomx ikollhom l-istess onorarja ta' Sindki f' Kunsilli akbar. Is-Sur Joe Cordina qabel mal-argument tas-Sur Aquilina.

**45.8.7** Is-Sur Aquilina semma li jista jkun hemm sindki wkoll li jagħmlu xogħol amministrattiv. Semma li dan m' għandux ikun. Semma wkoll li jekk Segretarju ser jipprogressa minn skala għall-oħra, dan għandu jkollu perjodu ta' probation sabiex jekk dan ma jkunx jilħaq il-livell mistenni jerġa' jmur lura fl-iskala li kien. Is-Sur Aquilina semma kif ir-Reġjuni ser ikollhom magħhom impjegati professjonali u li dan ser iwassal biex ix-xogħol amministrattiv minn fuq is-Segretarju Eżekuttiv ser jonqos xi ftit ukoll.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**45.8.8** Is-Sur Michael Fenech Adami semma li jekk kemm il-darba jkun hemm bżonn jittieħed parir legali fuq din il-kwistjoni dan għandu jittieħed min-naħa ta' Diviżjoni għall-Gvern Lokali u mhux mill-AKL.

45.8.9 Is-Sur Aquilina talab li jkun skużat mil-laqgħa fis-19:05.

**45.9 Affarjiet oħra**

45.9.1 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li kien leħaq ftehim mal-MTA sabiex jingħataw €90,000 fuq tliet snin sabiex isir investiment fuq website mir-Reġjuni. Semma li bħal issa qed jiġi mfassal MoU sabiex jiġi ffirmat bejn ir-Reġjuni. Semma li kif ikollu kopja jgħaddija lill-Presidenti Reġjonali għall-approvazzjoni.

45.9.2 Is-Sur Michael Fenech Adami semma wkoll li min-naħa tad-Diviżjoni bħal donnu weħel il-proċess sabiex tinfetaħ is-sejħa għall-ħaddiema mar-Reġjuni. Semma li r-Reġjuni baqgħu mingħajr rispons u li lanqas kopja preliminari tal-riklam tal-postijiet vakanti fir-Reġjuni għadu ma għadda lijlhom sabiex jivverifikawh. Chev. Paul Farrugia u is-Sur Anthony Mifsud qablu ma' dak li kien qed jgħid is-Sur Fenech Adami.

**45.10 Aġġornament**

45.10.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija permezz tal-Microsoft Teams.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.46 li nżammet nhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2021.

**Mario Fava**
**President**